MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2253/2002

***Mirage Holdings Limited***

***vs***

***Vincent Taliana***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sittax-il lira Maltin (Lm216) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) import ta' hames kambjali (5) annessi u mmarkati ma' l-avviz bhala Dokumenti 1 sa 5 u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet, u in kwantu ghal tnejn u sebghin liri Maltin (Lm72) merci mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut u in kwantu ghal disa' liri Maltin (Lm9) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-prezentata ta' l-avviz fuq l-ammont mitlub.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Kenneth Cutajar ghas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sittax-il lira Maltin (Lm216), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**